MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 400/2005

**Master Electric Company Limited**

**Vs**

**Raymond Casha u**

**Martin Curmi**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-ammont ta' elfejn mija u hamsin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm2150.53) rapprezentanti merkanzija mixtri minghand is-socjeta' attrici u gie kkonsenjat li ghad baqa' dak il-bilanc, liema bilanc ghadu

dovut minkejja id-diversi interpellanzi, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti, li huma ngunti minn issa in subizzjoni u bl-imghax legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Raymond Casha fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-eccipjenti stante li huwa gia hallas is-sehem tieghu dovut lis-socjeta' attrici u l-ammont mitlub ghandu jithallas esklussivament mill-konvenut l-iehor Martin Curmi, u dana kif miftiehem bejn l-partijiet u kif ser jirrizulta mix-xhieda.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Martin Curmi fejn eccepixxa:

1. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront ta' l-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jezisti l-ebda ness guridiku bejn is-socjeta' attrici u l-istess esponenti u ghaldaqstant ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ulterjuri ta' Martin Curmi fejn eccepixxa:

1. Illi minghajr hsara ghal kull eccezzjoni ohra sollevata mill-eccipjenti, l-azzjoni attrici hija preskritta kif mahsub mill-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' attrici, Master Electric Co. Ltd tbiegh affarijiet ta' dawl u ilma.[1]
2. Hija kienet kienet tbiegh lill-konvenuti Raymond Casha u Martin Curmi oggetti in konnessjoni ma' plumbing u dan kollox on account f'isimhom it-tnejn.[2]
3. Il-konvenuti kienu shab f'xoghol[3] li jikkonsisti twahhil tad-drejnijiet[4] fil-bini ta' Portomaso biss.[5]
4. Il-konvenuti Raymond Casha u Martin Curmi ddecidew li ma jibqghux shab flimkien.[6]
5. Sad-data tax-xoljiment tas-shubija taghhom huma kellhom jaghtu lis-socjeta attrici is-somma ta' cirka LM 4,350.[7]
6. Il-konvenuti infurmaw lis-socjeta attrici li ma kienux se jibqghu shab fix-xoghol, u fil-25 ta' Settembru 2003, il-konvenut Raymond Casha hallas lis-socjeta attrici LM 2,150[8] - nofs l-ammont dovut, izda il-konvenut Martin Curmi baqa' ma hallas xejn.[9] Is-socjeta attrici harget ircevuta ghal dan l-ammont fuq "*Raymond Casha/Martin Curmi*" izda bil-kliem miktub bl-idejn "*Full settlement on behalf of Mr Ray Casha for Inv. From June 03 – 15/9/03.*"[10]
7. Peress li n-nofs l-iehor tal-ammont dovut lis-socjeta attrici baqa' ma thallasx, is-socjeta attrici istitwiet dawn il-proceduri kontra l-konvenuti.
8. Permezz ta' skrittura privata datata 5 ta' Settembru 2005 bejn il-konvenuti qablu li: *« Illi l-Partijiet filwaqt li jirreferu ghall-kawza fl-ismijiet Master Electric Co Ltd vs Raymond Casha et, Avviz Numru : 400/05 JAB, jaqblu li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici fl-avviz imsemmi ghandu jithallas, dejjem jekk il-kreditu jigi kanonizzat, esklussivament mit-Tieni Parti [u cioe'*

---

[1] Ara x-xhieda ta' Saviour Micallef a fol. 29 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' Saviour Micallef a fol. 29 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Raymond Casha a fol. 36 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' Saviour Micallef a fol. 30 tal-process.
[5] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Raymond Casha a fol. 37 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' Saviour Micallef a fol. 30 tal-process.
[7] Ara x-xhieda ta' Raymond Casha a fol. 36 tal-process.
[8] Ara x-xhieda ta' Raymond Casha a fol. 36 tal-process kif ukoll kopja tac-cekk mahrug minn Raymond Casha ddatat 25 ta' Settembru 2003 verso Master Electric Co Ltd fl-ammont ta' LM 2,150 a fol. 38;
[9] Ara x-xhieda ta' Saviour Micallef a fol. 30 tal-process.
[10] Ara l-ircevuta a fol. 39 tal-process.

*Martin Curmi] li tobbliga ruhha li tindennizza lill-Ewwel Parti [u cioe' Raymond Casha] f'kaz li s-socjeta' attrici tottjeni dak li qed titlob fl-avviz odjern."*[11]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ghalkemm fit-trattazzjoni finali ma ssemmiet minn hadd mill-partijiet, il-konvenut Martin Curmi kien issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.[12] Ghalhekk, l-ewwel ma jrid jigi deciz, hija din l-eccezzjoni.

<u>*L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili*</u>

L-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili jippreskrivi hekk:

*« L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar: … …*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;"*

Mill-provi migjuba ma jirrizultax car jekk il-merkanzija in kwistjoni inxtrat bl-imnut jew bl-ingrossa. Dak li jirrizulta huwa li l-konvenuti kienu fi shab bejniethom u l-affarijiet li kienu jixtru kienu jixtruhom ghal xoghol li kienu qed jaghmlu gol-kumpless ta' Portomaso.[13] Di fatti s-socjeta' attrici kienet fethet kont f'isem iz-zewg konvenuti.[14]

---

[11] Ara l-iskrittura privata maghmula minn Raymond Casha u Martin Curmi ddatata 15 ta' Settembru 2005 a fol. 41 tal-process.
[12] Ara r-risposta ulterjuri ta' Martin Curmi ddatata 8 ta' Marzu 2010 a fol. 65 tal-process.
[13] Ara x-xhieda ta' Raymond Casha a fol. 36 tal-process.
[14] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Saviour Micallef a fol. 93 tal-process.

Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-sentenza deciza fis-26 ta' Mejju 1967 fl-ismijiet **Emmanuele Micallef et vs Francis Mercieca** l-Qorti irriteniet hekk:

« *Illi l-ligi taghna in materja ma segwitx it-test tal-ligi Taljana u Franciza li generalment servew lil-legislatur taghna ta' modell. Dawn jitrattaw dwar krediti ta' kummercjanti ghall-prezz ta' merci minnhom mibjugha, skond l-artikolu 2139 tal-Kodici Taljan tal-1865 lill-"persone che non ne fanno commercio", u skond l-artikolu 2272 tal-Kodici Franciz .... lill-"particuliers non marchands."*

*Illi minn dan jidher li d-distinzjoni fondamentali li ried jghamel il-legislatur taghna kienet bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Il-kriterju distintiv gie delineat f'paragrafu, in segwitu ripetutament citat, tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc presjeduta mill-Imhallef Paolo Debono fil-15 ta' Novembru 1892 fl-ismijiet "Attard vs. Refalo": "La legge non definisce i relative concetti del grande e del piccolo commercio; del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto; ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e che il primo vende per lo piu coloro i quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu ai consumatori e in piccolo quantita misurate dal bisogno di costoro" (Koll. Vol. XIII 294)*

*Illi accettat dan in linea ta' principju, din il-Qorti fis-sentenza (Appell Inferjuri) tas-17 ta' Jannar 1912 fl-ismijiet "Fenech vs. Galea" (Koll. Vol. XXL.i.406) opportunatament aggungiet illi l-ligi fid-diposizzjoni in ezami ma tharisx lejn dik li tista' tkun il-professjoni abitwali tant tal-grossista kemm tal-dettaljatur, imma thares biss lejn il-vendita fiha innifisa "e se questa e fatta a minuto, cioe in piccole partite, essa soggiace alla prescrizione breve di diciotto mesi, sia che venga fatta dal negoziante all dettagliatore sia che da quest'ultimo si faccia al consumatore, potendo darsi il caso che anche il grossista rivenda in qualche caso particolare le sue merci in dettaglio."*

Issa huwa principju baziku tal-ligi tal-procedura li min jallega irid jipprova. Il-konvenut Martin Curmi ma ressaq l-ebda prova li hu u l-konvenut l-iehor kienu jixtru minghand is-socjeta attrici bl-imnut u mhux bl-ingrossa. Anzi mill-provi il-fatt li l-invoices bejn Gunju 2003 u l-15 ta' Settembru 2003 kienu jammontaw ghas-somma ta' LM4350.00 – li minnhom il-konvenut Raymond Casha hallas in-nofs – jindika li l-konvenuti kienu jixtru f'ammonti kbar.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita qieghda tigi respinta.

*L-Eccezzjoni tal-Konvenut Raymond Casha*

Il-konvenut Raymond Casha eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tieghu, stante li huwa gia hallas is-sehem tieghu dovut lis-socjeta' attrici u l-ammont mitlub ghandu jithallas esklussivament mill-konvenut l-iehor Martin Curmi.

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta attrici kellha kont f'isem iz-zewg konvenuti, u l-ordnijiet kienu jsiru jew mit-tnejn flimkien jew individwalment. Billi din kienet obbligazzjoni kummercjali, hu prezunt, ai termini tal-Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc, li l-kondebituri huma obbligati *in solidum* – sakemm ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li f'dan il-kaz ma irrizultax li kien hemm. Ghalhekk l-ammont ta' LM4350.00 kien dovut miz-zewg konvenuti *in solidum*.

Pero, meta l-konvenut Raymond Casha hallas nofs dan l-ammont lis-socjeta attrici, is-socjeta attrici ma illimitatx ruhha li tohrog ricevuta fuq iz-zewg konvenuti, imma fuq l-ircevuta kitbet il-kliem bl-idejn "*Full settlement on behalf of Mr Ray Casha for Inv. From June 03 – 15/9/03.*"[15] Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, b'dan il-kliem, il-socjeta attrici irrinunzjat ghas-solidarjeta tal-bilanc tad-debitu, fil-konfront taz-zewg konvenuti, u helset lill-konvenut Raymond Casha minn din is-solidarjeta. Konsegwentement, il-bilanc tad-debitu favur is-socjeta attrici ghandu jithallas mill-konvenut l-iehor Martin Curmi.

Ghalhekk, l-eccezzjoni tal-konvenut Raymond Casha hija gustifikata, u se tigi milqugha.

[15] Ara l-ircevuta a fol. 39 tal-process.

*L-Eccezzjoni tal-konvenut Martin Curmi*

Apparti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-konvenut Martin Curmi eccepixxa illi l-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jezisti l-ebda ness guridiku bejn is-socjeta’ attrici u l-istess konvenut u ghaldaqstant ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Pero mix-xhieda ta’ Saviour Micallef, direttur tas-socjeta attrici u tal-konvenut l-iehor Raymond Casha jirrizulta li s-socjeta attrici kellha kont f’isem iz-zewg konvenuti. Fl-opinjoni tal-Qorti ix-xhieda ta’ Saviour Micallef u Raymond Casha hija wahda attendibbli, u fix-xhieda tieghu il-konvenut Martin Curmi ma nnegax dak li qalu dawn iz-zewg xhieda u lanqas gab provi biex jirribattihom. In oltre, ix-xhieda ta’ dawn it-tnejn min-nies hija korroborata bil-fatt li meta l-konvenut Raymond Casha hallas nofs l-ammont dovut lis-socjeta attrici, is-socjeta attrici harget l-ircevuta kemm f’ismu kif ukoll f’isem Martin Curmi.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Il-konvenut Martin Curmi ma ssolleva l-ebda eccezzjoni fil-meritu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

1. tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Raymond Casha, u qieghda tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
2. tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Martin Curmi, inkluza dik tal-preskrizzjoni, u tilqa’ t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront biss tal-istess Martin Curmi, u tikkundannah ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ hamest elef u disa’ Euro u disa’ u tletin centezmu (€5009.39)

(ekwivalenti ghas-somma ta’ elfejn mija u hamsin Lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm2150.53)), u bl-imghax legali.

L-ispejjez tal-konvenut Raymond Casha ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha ghandhom jigu subiti mill-konvenut Martin Casha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------